# Viżta Pastorali tal-Arċisqof
## fil-Parroċċa ta' Burmarrad

9 – 10 TA' DIĊEMBRU 2017




IL-KNISJA F'MALTA

www.thechurchinmalta.org

**Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fl-okkażjoni tal-Viżta Pastorali fil-Parroċċa tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija, Burmarrad**

Għeżież membri tal-Parroċċa ta' Burmarrad,

Huwa ta' ferħ kbir għalija li matul dan iż-żmien ta' tħejjija għall-Milied, niġi f'din il-Parroċċa għażiża għall-Viżta Pastorali.

Iċ-ċokon tal-komunità parrokkjali tagħkom, marbuta mal-Qalb ta' Marija u kkurata b'tant għożża mill-Patrijiet Franġiskani Konventwali, hija benniena mill-isbaħ biex fiha, Marija, din l-omm ħelwa tagħna, tqiegħed fis-sliem lil binha Ġesù biex jgħix fil-Knisja tiegħu fostkom.

Is-safa tal-qalb ta' Marija hija stedina għalina lkoll biex nissaffew minn kull rabta li ttellifna, u nilqgħu l-ħniena li Alla juri magħna fil-qalb għażiża ta' Ibnu. Nitolbu lill-Qalb ta' Marija biex hi li daħlet fid-dinja mingħajr tebgħa tgħinna noħorġu minnha mingħajr ħtija.

Matul din il-Viżta Pastorali nixtieq niltaqa' magħkom bħala l-Isqof tagħkom imsejjaħ minn Ġesù biex jagħti ħajtu għalikom; niltaqa' magħkom bħala komunità Nisranija, niltaqa' magħkom bħala Nsara li tgħixu f'din il-parroċċa għażiża.

Ser niltaqa' mat-tfal, maż-żgħażagħ, mal-familji; ser niltaqa' magħkom ilkoll, b'mod speċjali l-morda u l-anzjani. Nixtieq li ż-żjara tiegħi fostkom bħala l-Isqof tagħkom tkun esperjenza sabiħa għalina lkoll.

Il-Mulej iberikkom.

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta' Malta



# Stedina

**Is-Sibt 9 ta' Diċembru**

| | |
|---|---|
| 4:45 p.m. | L-Arċisqof jiltaqa' mat-tfal, l-abbatini u l-adolexxenti fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' Sant'Antnin. |
| 5:30 p.m. | L-Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Qrar fil-Knisja Parrokkjali. |
| 6:15 p.m. | L-Arċisqof jiċċelebra quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u jiltaqa' ma' dawk preżenti. |
| 7:30 p.m. | L-Arċisqof jattendi għal laqgħa soċjali fil-każin tal-futbol. |

**Il-Ħadd 10 ta' Diċembru**

| | |
|---|---|
| 10:45 a.m. | L-Arċisqof jiltaqa' mal-operaturi pastorali fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' Sant'Antnin. |
| 12:00 p.m. | L-Arċisqof jiltaqa' mal-komunità tal-patrijiet Franġiskani Konventwali fil-kunvent. |
| 6:15 p.m. | L-Arċisqof jiċċelebra quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u jiltaqa' ma' dawk preżenti. |
| 7:30 p.m. | L-Arċisqof jiltaqa' maż-żgħażagħ tal-parroċċa għal laqgħa ta' djalogu fid-Dar Parrokkjali. |

Ritratti tal-Viżta Pastorali: **www.knisja.org/ritratti**